7 ta' Marzu, 1950.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Maria Tanti *versus* George Cassar ne.

**Bejgħ — Azzjoni Redibitorja — Preskrizzjoni — Dekadenza — Transazzjoni.**

*L-allegazzjoni tax-xerrej li l-merkanzija hija deterjorata, u għalhekk mhix merkantibili, għiet dejjem kunsidrata bħala allegazzjoni ta' vizzju redibitorju.*

*It-terminu ta' xahar preskritt mill-liġi għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni redibitorja huwa terminu ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni; b'mod li jekk l-azzjoni ma tiġix esperita fi żmien dak ix-xahar, l-istess tiġi perenta.*

*It-trattativi ta' transazzjoni, meta fihom il-venditur ma jirrikonoxxix il-vizzju, ma jimportaw ebda obligazzjoni fil-venditur, u ma joperawx biex isalvaw lill-kumpratur minn dik id-dekadenza.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi ppremettiet li hi xtrat minn għand il-konvenut barmil tonn mielaħ ta' 214-il kilò bil-prezz ta' 3s. 11d. kull kilò (Dok. A), bil-kondizzjoni illi dan it-tonn huwa ta' kwalità tajba; illi meta hi fethet dan il-barmil tonn sabet li ma kienx tal-kwalità mwegħda u lanqas ma kien kummerċjabili; u li l-konvenut irrifjuta li jieħu lura dan il-barmil tonn u jħallas lura s-somma ta' £40 prezz tiegħu; u talbet li, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, jiġi dikjarat riżolut il-bejgħ tal-barmil tonn mielaħ fuq imsemmi, billi dan ma kienx tal-kwalità mwegħda u lanqas ma kien kummerċjabili; u jiġi għalhekk l-istess konvenut George Cas-

sar kundannat iħallas lura lill-attriċi s-somma ta' £40, prezz ta' l-istess merkanzija. Bl-imgħax kummerċjali min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Diċembru 1949 u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-istess ittra uffiċjali fuq imsemmija, kontra l-konvenut interpellat għas-subizzjoni;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi għalkemm fiċ-ċitazzjoni jingħad li t-tonn in kwistjoni ma kienx tal-kwalità promessa, hu ċar mill-provi li r-reklam ta' l-attriċi ma għandux x'jaqsam ma' difformità ta' kwalità, għaliex dan ma hux *il-każ li ġiet promessa ċerta kwalità* ta' tonn u ġiet konsenjata kwalità difformi minn dik pattwita — f'liema każ kien ikun hemm inadempiment ta' kuntratt. Ir-reklam tagħha hu inveċe bażat fuq l-allegat vizzju redibitorju, konsistenti fl-allegazzjoni li t-ton kien deterjorat u għalhekk mhux merkantibili. Deterjorament simili ġie dejjem kunsidrat bħala vizzju redibitorju (ara App. "Cuschieri vs. Vassallo", 27 ta' Ġunju 1923);

Illi mill-provi deher li verament it-tonn kien ħażin........;

Illi apparti dan, skond il-liġi l-azzjoni *bażata fuq vizzju* redibitorju għandha tiġi eżerċitata żmien xahar. Fil-każ in ispeċje, it-terminu għandu jiġi kalkolat mhux minn mindu l-attriċi xtrat il-barmil tonn, imma minn mindu fetħitu, ċjoè f'Lulju ta' l-1949 (ara "Lucia vs. Chevalier", Kollez. Vol. XXIV, p. 98; u Appell Inferjuri "Tabone vs. Fenech Soler", 24 ta' Lulju 1937). L-attriċi, infatti, ma setgħetx tkun taf bil-vizzju qabel ma fetħet il-barmil; u la kellha bramel oħra li kienet qiegħda tbiegħ minnhom, ma kellhiex interess li tiftaħ dak tal-konvenut;

Illi l-attriċi, għalkemm f'Lulju ta' l-1949 skopriet id-difett, iddeduċiet il-pretensjoni tagħha f'Jannar ta' din is-sena. Sadattant il-barmil baqa' għandha, u b'hekk ġiet anki impeduta kwalunkwe indaġini teknika fi żmien tempestiv;

Illi l-attriċi ma tistax tiskaġjona ruħha billi tgħid illi hija ma pproċedietx għax il-konvenut kien qiegħed jagħmlilha offerti ta' transazzjoni. Dan hu veru; imma hu anki veru li t-terminu ta' xahar fuq imsemmi ma hux terminu ta' preskrizzjoni, iżda terminu ta' dekadenza ("Darmanin vs. Spiteri Debono", Kummerċ, 25 ta' Frar 1930; u "Schembri vs. Gatt",

Kummerċ, 5 ta' Novembru 1926) ; u hu wkoll veru li t-trattativi ta' transazzjoni, meta fihom il-venditur ma jirrikonoxxix il-vizzju. ma jimportaw ebda obligazzjoni da parti tiegħu (Kummerċ "Cumbo vs. Pace", 8 ta' Mejju 1900). F'dan il-każ il-konvenut, sija fl-ittri tiegħu, sija fi kliemu, dejjem ċaħad li t-tonn kien affett minn xi vizzju, u għamel enfasi fuq iċ-ċirkustanza li hu kien qiegħed joffri l-abbwon b'titolu ta' sempliċi kompjaċenza ;

Illi għalhekk il-konvenut għandu raġun igħid, fl-aħħar eċċezzjoni, illi l-azzjoni hi perenta ;

Għalhekk ;

Tiddeċidi ;

Billi tiddikjara l-azzjoni esperita mill-attur perenta, u għalhekk teskludi l-istanza ; bl-ispejjeż kontra l-attriċi.